

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8686 — Bunge/IOI/Loders)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 1/11)

1. Fit-18 ta' Diċembru 2017 il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Koninklijke Bunge BV (Bunge) (in-Netherlands), sussidjarja ta' Bunge Limited.
- IOI Corporation Berhad (IOI) (il-Malasja), hija kumpanija pubblika limitata b'ishma u kkwotata fil-Suq Prinċipali tal-Bursa Malaysia Securities Berhad
- Loders Croklaan Group BV (Loders) (in-Netherlands), li tappartjeni għall-grupp IOI,

Bunge u IOI jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Loders.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Bunge: hija grupp Amerikan ikkwotata fil-Borża li jaħdem fis-settur tal-agri-ikel. L-attivitajiet prinċipali tiegħu jinkludu kummerċ fiż-żrieragħ taż-żejt u ċ-ċereali, qmugħ, ippressar taż-żrieragħ u l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' żjut tal-ikel.
- IOI: hija konglomerat Malasjan attiv, fost oħrajn, bħala produttur taż-żejt tal-palm integrat vertikalment li huwa proprjetarju u jħaddem pjantazzjonijiet taż-żejt tal-palm fil-Malasja u l-Indonesja.
- Loders: hija negozju downstream ta' żjut u xaħmijiet tal-ikel ta' IOI li jħaddem faċilitajiet ta' raffinerija u frazzjonament fl-Istati Uniti tal-Amerika, in-Netherlands u l-Malasja. Loders tipproduċi u tissupplixxi żjut u xaħmijiet tal-ikel speċjali u semispeċjali sofistikati lill-klijenti industrijali f'aktar minn 100 pajjiż mad-dinja kollha.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8686 — Bunge/IOI/Loders

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
